MDINA

# Minuti tal-laqgha numru 25 tas-sitt Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 14 ta' Lulju 2011 |
| HIN | 2.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Skuzata |
| Kunsillier | Frederick Azzopardi | FA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

25.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 24 gew approvati kif moqrija wara li kien hemm korezzjoni.

25.1.1 PS informa lil Kunsill li kien ircieva ittra bil-miktub biex JA tigi skuzata milli t'attendi din il-laqgha minhabba li kienet indisposta. Din giet accettata.

25.2 Arrising Out

25,2,1 L-Equipment il-gdid fil- Playing Field gie installat. Kied ghad fadal li jinbidel is-safety flooring. Dan ser jsir aktar tard

25.3 Korrispondenza batch 34 u 35

25.3.1 Kellna korrispondenza minghand Frank Salt Ltd dwar possibilta li jaghmlu safety barriers fil-Playing Field. Qbilna li niltaqghu maghhom.

. 25.3.2 Kellna talba mill-Malta Post sabiex jibdew jarmaw mobile kiosk biex jbieghu is-servizzi taghhom. Il-Kunisll wara li kkonsidra din it-talba qabel li ma jghatix permess ghaliex dan jista jkun ta tfixxkiel ghal kummerc tal-hwienet fl-Imdina kif ukoll jista jkun jinblokka it-traffiku.

25.3.3 Ircevejna stiedina biex nippartecipaw fl-Environment Award minghand Cleaner Technology Centre. Qbilna li ma nippartecipawx

25.3.4 Kellna talba minghand Tom's Deli sabiex jinghata permess biex jidhol bil-karozza fl-Imdina . Din it-talba giet michuda

25.3.5 Gejna infurmati li kien ser jsir Kors ta' Tahrig fuq il-manutenzjoni fuq il-Playing Field. Il-Kunsill ippropona lil Emmanuel Camilleri biex jattendi dan il-kors.

25.3.6 Talba minghand NSTS biex jiltaqghu maghna fuq suggetti relatati mat-turizmu. Qbilna li niltaqghu maghhom.

25.3.7 Ittra minghand Martin Morana ,MTA, dwar sehem ta' atturi waqt Attivitajiet tal-Kunsill. Kellna niddiskutu mieghu.

25.3.8 Kellna talba sabiex ninominaw persuna fuq il-Kumitat tar-Rijabilitazzjoni tal-Imdina. Qbilna li ninominaw lil PSM

25.3.9 Kellna informazzjoni dwar il-Fondi tal-EU fuq progetti bejn Malta u Sqallija. PS kien attenda ghal sezzjoni ta' Informazzjoni u qal li l-ahjar mod ghalina kien li nidhlu bhala partners . Kellna ninfurmaw lil EU desk dwar dan

25.4 Hedges f'Howard Gardens

25.4.1 Saret diskussjoni dwar nuqqas ta' hedges li hemm f'xi partijiet ta' Howard Gardens. Kien hemm qbil li nhawlu hedges godda f'dawk il-partijiet li hemm nieqsa dan isir mill-budget tas-sena d-doehla.

25.5 Lampi dekorattivi f'Howard Gardens

25.5.1 Kien hemm htiega li jigu mibdula il-Fanali li hemm fil-gnien iz-zghir ta' Howard Gardens. Qbilna li nigbru stimi u ndahluhom fil-budget tas-sena id-diehla.

25.6 BBQ

25.6.1 Konna ircevejna tliet proposti minghand Caterers gahl BBQ. Wara diskussjoni qbilna li PS jkellem lil CaterMax biex jipprova jgieb il-prezz tas-sena l-ohra. Jekk dan jkun positiv nuzaw is-serviz taghhom, jekk le jmorru ghal Montekristo Caterers.

25.6.2 Fuq il-prezz li ser jinbiegh, qbilna li naghmluh Euro 18.00 ghal Kbar u Euro 10.00 ghat-tfal.

25.7 Rapport tal-Awdittur u Management Letter

25.7.1 PS ippresenta r-rapport tal-Awditturi fuq ir-rapport finanzjarju tal-2010. Wara diskussjoni fit-tul u osservazjonijiet li gew indikati lilna mill-Awdituri, il-Kunsill qabel dwar l-ittra ta' risposta ghal dan ir-rapport (Management Letter) kif proposta minn PS li kien ipprepara flimkien mal-Acccountants ,wara xi emendi.

25.8 Jum l-Imdina

25.8.1 Saret diskussjoni dwar Jum l-Imdina . Bhala parti min din il-gurnata kien hemm qbil li apparti il-BBQ ngahmlu Kuncert bis-sehem tal-Banda tal-AFM. Kellna nistiednu lil Goig Xerri sabiex jikkordina din l-attivita li kellha isisr nhar is-Sibt 03 ta' Settembru. Ghal din l-attivita' kellhu jsir budget ta' mhux aktar minn Euro 300.

25.9 Proposta ghal-Munument

25.9.1 PSM qal li kien qed jissugerixxi li fl-Imdina jsir Munument ghal Cikku Gatto – li kien wiehed mil-qalbiena Maltin li qamu kontra Monroe. Saret diskussjoni u kien identifikat il-post idejali , fuq is-Sur , biex jsir dan il-Munument. Il-kunsill qabel bhala principju izda kellhu jerga jiddiskutiha minhabba raguni ta' Finanzi.

25.10 Undercarriage ghal-Kanuni

25.10.1 Minhabba li kien tlesta ix-xoghol ta' restawr fuq wiehed mil-Kanuni kellna nigbru kwotazzjonijiet sabiex naghmlu Undercarriage tal-Injam sabiex dawn il-Kanuni jitpoggew f'postijiet publici

25.11 Xoghol ta'Manutenzjoni fuq Litter Bins

25.11.1 Kien hemm qbil li jsir xoghol ta' manutenzjoni fuq il-litter bins li

hemm fl-Imdina. Il-Kunsill qabel li dan ix-xoghol jaghth lis=Sur Twanny Calleja

. 25.12 Affarijiet ohra

25.12.1 Kien hemm proponiment sabiex il-Kuntrat ma' Gafa Saveway Cleners ghat-tindif tal-Ufficju tal-Kunsill jigi mgedded ghal sena ohra. Il-Kunsill qabel.

25.12.2 Minhabba li l-kuntratt ta' Manutenzjoni ta'Howard Gardens u Soft Areas kien ser jiskadi fl-ahhar ta'Lulju kien hemm qbil li dan Il-kuntratt jigi mgedded sa l-ahhar ta'Dicembru 2011 u minnufih jibda il-process biex isisr sejha/Tender ghal kuntratt gdid.

25.12.3 Wara li kien hemm xi problem bejn il-parkers , il-Kunsill kien tal-parir li jara li nitolbu ghal devoluzzjoni tal-Parking sites tal-Imdina sabiex wara nkunu f'posizzjoni li dawn jinghataw lil Kumpaniji privat biex imexxuhom huma.

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra l-laqgha giet aggornata fil-5.00pm sine die.

__________________ ________________

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Paul Spiteri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |